2024/2405

13.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2405

tat-12 ta' Settembru 2024

li jikkanċella l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja tal-prodott bijoċidali uniku "SchwabEX-Guard" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/114

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 49 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2022, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/114 ([2]) ta awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0025436-0000 lid-detentur tal-awtorizzazzjoni Sumitomo Chemical Agro Europe SAS għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-istess prodott bijoċidali uniku "SchwabEX-Guard" f'konformità mal-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(2) Fil-21 ta' Marzu 2024, f'konformità mal-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, Sumitomo Chemical Agro Europe SAS ippreżentat talba biex din l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tiġi kkanċellata lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija"). It-talba ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-QP093655-06 fir-Reġistru tal-Prodotti Bijoċidali.

(3) Sumitomo Chemical Agro Europe SAS ipprovdiet li t-talba saret minħabba raġunijiet kummerċjali.

(4) Fil-25 ta' Marzu 2024, l-Aġenzija bagħtet it-talba lill-Kummissjoni.

(5) Għalhekk, jixraq li l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "SchwabEX-Guard" tiġi kkanċellata fuq talba tad-detentur tal-awtorizzazzjoni u konsegwentement li jitħassar ir-Regolament (UE) 2022/114.

(6) Huwa xieraq ukoll li jingħata perjodu ta' konċessjoni għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-ħażniet eżistenti f'konformità mal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "SchwabEX-Guard" mogħtija bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/114 lil Sumitomo Chemical Agro Europe SAS bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0025436–0000 hija kkanċellata.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/114 jitħassar.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/114 tas-26 ta' Jannar 2022 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "SchwabEX-Guard" (ĠU L 19, 28.1.2022, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/114/oj).

Artikolu 3

Il-prodott bijoċidali "SchwabEX-Guard" ma għandhomx ikomplu jitqiegħdu fis-suq mit-3 ta' April 2025 u l-istokkijiet eżistenti ta' tali prodotti bijoċidali ma għandhomx jibqgħu jintużaw mit-3 ta' Ottubru 2025.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN